

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni Nru 14/2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti tal-Irlanda rigward l-approvazzjoni tar-rekwiżiti għal akkreditazzjoni ta' korp taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43.3 (GDPR)

Adottata fil-25 ta' Mejju 2020

Werrej

1	Sommarju tal-Fatti	4
2	Valutazzjoni	4
2.1	Raġunament ġenerali tal-EDPB rigward l-abbozz ta' deċiżjoni ppreżentata.....	4
2.2	Il-punti ewlenin ta' attenzjoni għall-valutazzjoni (Art. 43.2 tal-GDPR u l-Anness 1 għal-Linji Gwida tal-EDPB) li r-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni jipprevedu biex dan li ġej jiġi vvalutat b'mod konsistenti:	5
2.2.1	PREFISS (Taqsim 0 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-IE SA).....	6
2.2.2	TERMINI U DEFINIZZJONIJIET.....	6
2.2.3	KUMMENTI ĠENERALI	7
2.2.4	REKWIŻITI ĠENERALI GĦAL AKKREDITAZZJONI (Taqsim 4 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni)	7
2.2.5	REKWIŻITI STRUTTURALI (Taqsim 5 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni)	7
2.2.6	REKWIŻITI TAR-RIŻORSI (Taqsim 6 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni)	7
2.2.7	REKWIŻITI TAL-PROĊESS (Taqsim 7 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni)	8
3	Konklużjonijiet / Rakkomandazzjonijiet.....	8
4	Kummenti Finali	8

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64 (1c), (3) - (8) u l-Artikolu 43 (3) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,¹

Wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Billi:

1) Ir-rwol prinċipali tal-Bord huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament 2016/679 (minn hawn 'il quddiem "GDPR") fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. F'konformità mal-Artikolu 64.1 tal-GDPR, il-Bord għandu joħroġ opinjoni fejn awtorità superviżorja (SA) tkun biħsiebha tapprova r-rekwiżiti għal akkreditazzjoni ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43. Għalhekk, l-għan ta' din l-opinjoni huwa li jinħoloq approċċ armonizzat fir-rigward tar-rekwiżiti li awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-*data* jew Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni se japplikaw għall-akkreditazzjoni ta' korp taċ-ċertifikazzjoni. Anke jekk il-GDPR ma jimponix direttament sett uniku ta' rekwiżiti għal akkreditazzjoni, huwa jippromwovi l-konsistenza. Il-Bord ifittex li jilħaq dan l-objettiv fl-opinjoni tiegħu l-ewwel nett billi jħeġġeġ lill-SAs biex jabbozzaw ir-rekwiżiti tagħhom għal akkreditazzjoni skont l-istruttura stipulata fl-Anness 1 għal-Linji gwida tal-EDPB Nru 4/2018 dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u, t-tieni nett billi janalizzhom permezz ta' mudell ipprovdut mill-EDPB li jippermetti l-valutazzjoni komparattiva tar-rekwiżiti (igġwidat mill-ISO 17065 u mill-linji gwida tal-EDPB dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni).

2) B'referenza għall-Artikolu 43 tal-GDPR, l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom jadottaw rekwiżiti ta' akkreditazzjoni. Madankollu, dawn għandhom japplikaw il-mekkaniżmu ta' konsistenza sabiex jippermettu l-bini ta' fiduċja fil-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni, b'mod partikolari billi jstabbilixxu livell għoli ta' rekwiżiti.

3) Filwaqt li r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, dan ma jfissirx li r-rekwiżiti għandhom ikunu identiċi. L-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-kuntest nazzjonali jew reġjonali, u għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni lokali tagħhom. L-għan tal-opinjoni tal-EDPB mhijiex li jinħoloq sett uniku ta' rekwiżiti tal-UE, iżda pjuttost li jiġu evitati inkonsistenzi sinifikanti li jistgħu pereżempju jaffettwaw il-fiduċja fl-indipendenza jew fl-għarfien espert ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni akkreditati.

4) Il-"Linji gwida 4/2018 dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (2016/679)" (minn hawn 'il quddiem il-"Linji gwida"), u l-"Linji gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji ta' ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 42 u 43 tar-Regolament 2016/679" jservu ta' gwida fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' konsistenza.

¹ Referenzi għall-"Unjoni" li jsiru f'din l-opinjoni għandhom jinftiehem bħala referenzi għaż-ŻEE".

5) Jekk Stat Membru jistipula li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiġu akkreditati mill-awtorità superviżorja, l-awtorità superviżorja għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta' akkreditazzjoni li jinkludu r-rekwiżiti dettaljati fl-Artikolu 43(2) tal-GDPR, iżda li ma jkunux limitati għalihom biss. Bi tqabbil mal-obbligi relatati mal-akkreditazzjoni ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni minn korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni, l-Artikolu 43 tal-GDPR jipprovdi inqas dettalji dwar ir-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni meta l-awtorità superviżorja twettaq l-akkreditazzjoni hija stess. Fl-interess li jsir kontribut għal approċċ armonizzat għall-akkreditazzjoni, ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni użati mill-awtorità superviżorja għandhom isegwu ISO/IEC 17065 u għandhom ikunu kkomplementati mir-rekwiżiti addizzjonali li awtorità superviżorja tistabbilixxi skont l-Artikolu 43(1)(b) tal-GDPR. L-EDPB jinnota li l-Artikolu 43(2)(a)-(e) tal-GDPR jirrifletti u jispeċifika r-rekwiżiti tal-ISO 17065 li se jikkontribwixxu għall-konsistenza.²

6) L-opinjoni tal-EDPB għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(1)(c), (3) u (8) tal-GDPR, flimkien mal-Artikolu 10 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel jum ta' xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplut. Fuq deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kumplessità tas-suġġett.

ADOTTA L-OPINJONI:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. L-Awtorità Superviżorja Irlandiża (minn hawn 'il quddiem l-“IE SA”) ressqet quddiem l-EDPB l-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tagħha skont l-Artikolu 43 (1)(b). Il-fajl tqies li tlesta fit-13 ta' Frar 2020. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni IE (INAB) se jwettaq l-akkreditazzjoni ta' korpi ta' ċertifikazzjoni biex jiċċertifikahom billi juża l-kriterji ta' ċertifikazzjoni tal-GDPR. Dan ifisser li l-INAB juża l-ISO 17065 u r-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-IE SA, ladarba jkunu approvati mill-IE SA, wara opinjoni mill-Bord dwar l-abbozz ta' rekwiżiti, biex jakkredita l-korpi ta' ċertifikazzjoni.

2. F'konformità mal-Artikolu 10 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bord, minħabba l-kumplessità tal-kwistjoni preżenti, il-President iddeċieda li jestendi l-perjodu inizjali ta' adozzjoni ta' tmien ġimgħat b'sitt ġimgħat oħra.

2 VALUTAZZJONI

2.1 Raġunament ġenerali tal-EDPB rigward l-abbozz ta' deċiżjoni ppreżentat

3. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li jiġu vvalutati r-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni żviluppati minn SA, jew b'rabta mal-ISO 17065 jew ma' sett sħiħ ta' rekwiżiti, għall-finijiet li korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jew SA jkunu jistgħu, skont l-Artikolu 43(1) tal-GDPR, jagħmlu akkreditazzjoni ta' korp ta' ċertifikazzjoni responsabbli mill-ħruġ u t-tiġdid taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42 tal-GDPR. Dan

² Linji gwida 4/2018 dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, paragrafu 39. Disponibbli fuq: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/retningslinjer/guidelines-42018-accrreditation-certification-bodies_en

huwa mingħajr preġudizzju għall-kompiti u s-setgħat tal-SA kompetenti. F'dan il-każ speċifiku, il-Bord jinnota li l-IE SA ddeċidiet li tirrikorri għall-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni (NAB) tagħha għall-ħruġ ta' akkreditazzjoni, wara li tkun gábrej flimkien ir-rekwiżiti addizzjonali skont il-Linji Gwida, li għandhom jintużaw mill-NAB tagħha fil-ħruġ tal-akkreditazzjoni.

4. Din il-valutazzjoni tar-rekwiżiti addizzjonali tal-akkreditazzjoni tal-IE SA għandha l-għan li teżamina l-varjazzjonijiet (żidiet jew tħassir) mill-Linji Gwida u b'mod partikolari mill-Anness 1 għalihom. Barra minn hekk, l-Opinjoni tal-EDPB hija ffokata wkoll fuq l-aspetti kollha li jista' jkollhom impatt fuq approċċ konsistenti rigward l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni.

5. Għandu jiġu osservat li l-għan tal-Linji gwida dwar l-akkreditazzjoni ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni huwa li jgħin lill-SAs waqt id-definizzjoni tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tagħhom. L-Anness għal-Linji gwida ma jikkostitwixxi rekwiżiti ta' akkreditazzjoni minnu nnifsu. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għal korpi taċ-ċertifikazzjoni jridu jiġu ddefiniti mill-SA b'tali mod li jippermetti l-applikazzjoni Prattika u konsistenti tagħhom kif meħtieġ mill-kuntest tal-SA.

6. Il-Bord jirrikonoxxi l-fatt li, minħabba l-kompetenza tagħhom, għandha tingħata l-libertà ta' manuvrar lill-NABs meta jkunu qed jiddefinixxu ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi fi ħdan ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni applikabbli. Madankollu, il-Bord jikkunsidra li jkun meħtieġ li jenfasizza li, fejn jiġi stabbilit kwalunkwe rekwiżit addizzjonali, dan għandu jiġi definit b'mod li jippermetti l-applikazzjoni Prattika u konsistenti u r-rieżami tiegħu kif meħtieġ.

7. Il-Bord jinnota li l-istandards tal-ISO, b'mod partikolari l-ISO 17065, huma soġġetti għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u għaldaqstant mhux se jagħmel referenza għat-test tad-dokument relatat f'din l-Opinjoni. Bħala riżultat, il-Bord iddeċieda li, fejn rilevanti, jindika s-sezzjonijiet speċifiċi tal-Istandard tal-ISO mingħajr, madankollu, ma jirriproduċi t-test.

8. Fl-aħħar nett, il-Bord wettaq il-valutazzjoni tiegħu f'konformità mal-istruttura prevista fl-Anness 1 għal-Linji Gwida (minn hawn 'il quddiem l-"Anness"). Fejn din l-Opinjoni tibqa' siekta dwar sezzjoni speċifika tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-IE SA, dan għandu jinqara fis-sens li l-Bord ma għandux kummenti u mhux qed jitlob lill-IE SA biex tiegħu azzjoni ulterjuri.

9. Din l-opinjoni ma tirriflettix fuq punti sottomessi mill-IE SA, li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43 (2) tal-GDPR, bħal referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Minkejja dan, il-Bord josserva li l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tikkonforma mal-GDPR, fejn meħtieġ.

2.2 Il-punti ewlenin ta' attenzjoni għall-valutazzjoni (Art. 43.2 tal-GDPR u l-Anness 1 għal-Linji Gwida tal-EDPB) li r-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni jipprevedu biex dan li ġej jiġi vvalutat b'mod konsistenti:

- 1) l-indirizzar tal-oqsma ewlenin kollha kif enfasizzat fl-Anness għal-Linji gwida, u l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni mill-Anness.
- 2) l-indipendenza tal-korp taċ-ċertifikazzjoni
- 3) il-kunflitti ta' interess tal-korp taċ-ċertifikazzjoni
- 4) l-għarfien espert tal-korp taċ-ċertifikazzjoni

- 5) salvagwardji xierqa biex jiġi żgurat li l-kriterji ta' ċertifikazzjoni tal-GDPR jiġu applikati kif xieraq mill-korp ta' ċertifikazzjoni
- 6) proċeduri għall-ħruġ, ir-rieżami perjodiku u l-irtirar ta' ċertifikazzjoni tal-GDPR; u
- 7) indirizzar trasparenti ta' lmenti dwar ksur ta' ċertifikazzjoni.

10. Filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni li:

- a. l-Artikolu 43 (2) tal-GDPR jipprovdi lista ta' oqsma ta' akkreditazzjoni li korp ta' ċertifikazzjoni jeħtieġ jindirizza sabiex jiġi akkreditat;
- b. l-Artikolu 43 (3) tal-GDPR jipprevedi li r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu approvati mill-Awtorità Superviżorja kompetenti;
- c. l-Artikolu 57 (1) (p) u (q) tal-GDPR jipprevedi li awtorità superviżorja kompetenti trid tabbozza u tippubblika r-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni għall-korpi ta' ċertifikazzjoni u tista' tiddeċiedi li hija stess twettaq l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- d. l-Artikolu 64 (1) (c) tal-GDPR jipprevedi li l-Bord għandu joħroġ opinjoni meta awtorità superviżorja jkollha l-intenzjoni tapprova r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għal korp ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43(3);
- e. Jekk l-akkreditazzjoni titwettaq mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont l-ISO/IEC 17065/2012, iridu jiġu applikati wkoll ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità superviżorja kompetenti.
- f. L-Anness 1 għall-Linji gwida dwar l-Akkreditazzjoni ta' Ċertifikazzjoni jipprevedi r-rekwiżiti ssuġġeriti li awtorità superviżorja għall-protezzjoni tad-*data* għandha tfassal u li japplikaw matul l-akkreditazzjoni ta' korp ta' ċertifikazzjoni mill-Korp Nazzjonali tal-Akkreditazzjoni;

il-Bord huwa tal-fehma li:

2.2.1 PREFISS (Taqsimha 0 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-IE SA)

11. Il-Bord jirrikonoxxi l-fatt li t-termini ta' kooperazzjoni li jirregolaw ir-relazzjoni bejn Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni u l-awtorità superviżorja għall-protezzjoni tad-*data* tiegħu mhumiex rekwiżit għall-akkreditazzjoni ta' korpi ta' ċertifikazzjoni *per se*. Madankollu, għal raġunijiet ta' kompletezza u trasparenza, il-Bord jikkunsidra li dawn it-termini ta' kooperazzjoni, fejn jeżistu, għandhom jiġu ppubblikati f'format meqjus xieraq mill-AS.

2.2.2 TERMINI U DEFINIZZJONIJIET

12. Il-Bord jinnota li r-referenza għal-linji gwida dwar l-akkreditazzjoni bħala "WP 261" mhijiex aġġornata. L-EDPB adotta l-Linji gwida 4/2018 dwar l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (2016/679). Għalhekk, il-Bord iħeġġeġ lill-IE SA biex temenda l-formulazzjoni u tirreferi għal-linji gwida 4/2018.

2.2.3 KUMMENTI ĠENERALI

13. Il-Bord jinnota li l-abbozz ta' rekwiżiti tal-IE SA jirreferi ripetutament għall- "awtorità supervizzorja kompetenti". Peress li, f'dan il-każ, l-SA kompetenti hija l-IE SA, il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex tissostitwixxi r-referenza mid-"DPC" jew l-"IE SA" sabiex tiġi evitata l-konfużjoni.

14. Il-Bord jirrikonoxxi li l-abbozz ta' rekwiżiti tal-IE SA jinkludi taqsima dwar termini u definizzjonijiet. Madankollu, uħud mit-termini ma jintużawx b'mod konsistenti fid-dokument kollu (eż. "oġġett ta' evalwazzjoni" u "ToE"). Sabiex tiġi evitata l-konfużjoni, il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex tuża terminoloġija konsistenti fl-abbozz tar-rekwiżiti.

2.2.4 REKWIŻITI ĠENERALI GĦALL-AKKREDITAZZJONI (Taqsim 4 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni)

15. Fir-rigward tal-klawżola 7 tas-sottotaqsima 4.1.2 tal-abbozz ta' rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-IE SA, il-Bord iqis li l-formulazzjoni hija kemxejn mhux ċara fir-rigward għal min huma pprovduti r-raġunijiet għall-approvazzjoni taċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, ir-referenza għall-"faċilitazzjoni" tar-reġistru mhijiex ċara. Għalhekk, il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex terġa' tabbozzah mill-ġdid b'mod li jipprovdi aktar ċarezza.

2.2.5 REKWIŻITI STRUTTURALI (Taqsim 5 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni)

16. Il-Bord josserva li l-abbozz ta' rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-IE SA jagħmlu referenza għall-ħatra ta' "persuna bl-anzjanità rilevanti bir-responsabbiltà li tissorvelja l-konformità mal-protezzjoni tad-*data* u l-governanza tal-informazzjoni." Ir-referenza għall-anzjanità rilevanti għandha tiġi kjarifikata f'termini ta' esperjenza u l-ambitu ta' awtorità. Barra minn hekk, il-funzjonijiet ta' din il-figura jidhru li huma simili għal dawk ta' uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*. Il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex tistabbilixxi b'mod ċar il-funzjonijiet ta' din il-figura u biex tispeċifika l-esperjenza rilevanti.

2.2.6 REKWIŻITI TAR-RIŻORSI (Taqsim 6 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni)

17. Fir-rigward tal-persunal tal-korp taċ-ċertifikazzjoni (is-sottotaqsima 6.1), il-Bord jinnota li r-rekwiżiti għall-persunal b'għarfien espert tekniku responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet jinkludu mill-inqas 5 snin ta' esperjenza professjonali relatata mas-suġġett taċ-ċertifikazzjoni, filwaqt li l-persunal responsabbli mill-evalwazzjonijiet għandu jkollu mill-inqas sentejn esperjenza professjonali. Bl-istess mod, il-persunal b'għarfien espert legali li jieħu deċiżjonijiet irid ikollu mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali, filwaqt li dawk inkarigati mill-evalwazzjonijiet irid ikollhom mill-inqas sentejn esperjenza. Il-Bord jinnota li s-snin minimi meħtieġa ta' esperjenza professjonali bejn il-persunal inkarigat mit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-persunal responsabbli mill-evalwazzjoni jvarjaw b'mod sinifikanti. F'dan ir-rigward, il-Bord iqis li l-enfasi għandha ssir fuq it-tip ta' għarfien espert aktar milli fuq l-għadd ta' snin ta' esperjenza professjonali. Fil-fehma tal-Bord, l-evalwaturi għandu jkollhom għarfien espert aktar speċjalizzat u esperjenza professjonali fi proċeduri tekniċi (eż. awditi u ċertifikazzjonijiet), filwaqt li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għandu jkollhom għarfien espert aktar ġenerali u komprensiv u esperjenza professjonali fil-protezzjoni tad-*data*. B'kont meħud ta' dan, il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex tagħmel aktar enfasi fuq l-għarfien sostantiv differenti u/jew l-esperjenza għall-evalwaturi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u biex jitnaqqsu d-diverġenzi fis-snin ta' esperjenza meħtieġa għalihom.

2.2.7 REKWIŻITI TAL-PROĊESS (Taqsimha 7 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni)

18. Fir-rigward tas-sottotaqsimha 7.10 tal-abbozz tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-IE SA ("Bidliet li jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni"), il-Bord josserva li ma hemm l-ebda referenza għall-proċeduri ta' bidla li għandhom jiġu miftiehma, skont it-Taqsima 7.10 tal-Anness. Il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex tinkludi referenza bħal din u jsemmi xi wħud mill-proċeduri li jistgħu jiġu stabbiliti (eż. perjodi ta' tranżizzjoni, proċess ta' approvazzjonijiet mal-SA kompetenti...). Barra minn hekk, il-Bord iqis li l-bidliet fl-istat tas-sitwazzjoni huma rilevanti wkoll u jistgħu jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni. Għalhekk, il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex tinkludi din il-possibbiltà fost il-lista ta' bidliet li jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni. Fl-aħħar nett, il-Bord jilqa' l-inklużjoni ta' ksur ta' *data* personali u ksur tal-GDPR fil-lista ta' bidliet li jistgħu jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni. Madankollu, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza, il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex tispeċifika li l-ksur tad-*data* jew il-ksur tal-GDPR għandu jitqies biss sa fejn ikunu relatati maċ-ċertifikazzjoni.

19. Rigward il-bidliet li jaffettwaw iċ-ċertifikazzjoni (is-sottotaqsimha 7.10 tal-abbozz ta' rekwiżiti tal-IE SA) u, b'mod partikolari, il-ħames punt inċiż, il-Bord jinnota li l-IE SA tirreferi għal "deċiżjonijiet vinkolanti applikabbli tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*" u wkoll għall-Artikolu 39 tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB, li jinkludi "id-dokumenti finali kollha adottati mill-EDPB". Sabiex jiġi żgurat għarfien ċar ta' dak li huwa mfiisser b'"deċiżjonijiet tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*", il-Bord ihegġegħ lill-IE SA biex tikkjarifika r-referenza. Eżempju jista' jkun li tirreferi għal "dokumenti adottati mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*".

20. Il-Bord josserva li s-sottotaqsimha 7.11 tal-abbozz ta' rekwiżiti (terminazzjoni, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikazzjoni) tal-IE SA ma tinkludix l-obbligu tal-korp ta' ċertifikazzjoni li jaċċetta deċiżjonijiet u ordnijiet mill-IE SA li jirtira jew li ma joħroġx ċertifikazzjoni lil applikant jekk ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ma jkunux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati. Għaldaqstant, il-Bord jirrakkomanda li l-IE SA tinkludi tali obbligu.

3 KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET

21. L-abbozz ta' rekwiżiti ta' akkreditazzjoni tal-Awtorità Superviżorja Irlandiża jista' jwassal għal applikazzjoni inkonsistenti tal-akkreditazzjoni tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, u jridu jsiru l-bidliet li ġejjin:

22. Rigward ir-"rekwiżiti għall-proċess", il-Bord jirrakkomanda li l-IE SA:

- 1) tinkludi, fis-sottotaqsimha 7.11, l-obbligu tal-korp ta' ċertifikazzjoni li jaċċetta deċiżjonijiet u ordnijiet mill-IE SA li jirtira jew li ma joħroġx ċertifikazzjoni lil applikant jekk ir-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ma jkunux issodisfati jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati.

4 KUMMENTI FINALI

23. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-IE SA u se ssir pubblika skont l-Artikolu 64 (5)(b) tal-GDPR.

24. Skont l-Artikolu 64(7) u (8) tal-GDPR, l-IE SA għandha tikkomunika lill-President, b'mezzi elettroniċi fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-opinjoni, jekk hija tkunx se temenda jew iżżomm l-abbozz ta' lista tagħha. Fl-istess perjodu, hija għandha tipprovdi l-abbozz tal-lista emendat, jew fejn ma tkunx biħsiebha ssegwi l-opinjoni tal-Bord, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet rilevanti għalfejn ma jkollhiex l-intenzjoni li ssegwi din l-opinjoni, kemm kompletament kif ukoll parzjalment.

25. L-IE SA għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali lill-Bord għall-inklużjoni fir-reġistru tad-deċiżjonijiet li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, skont l-Artikolu 70 (1) (y) tal-GDPR.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)